MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Numru 27/1997

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Ali Mehemed Kreta**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fit-18 ta' Dicembru 1998 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-Att ta' Akkuza 27/97;

Semghet il-verdett ta' gurati moghti fl-udjenza tal-15 ta' Dicembru, 1998 li permezz tieghu huma sabu, b'seba' voti favur u tnejn kontra, lill-imesmmi Ali Mehemed Kreta hati bhala komplici skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; b'seba' voti favur u tnejn kontra sabuh ukoll hati bhala komplici skond it-tieni kap u bl-istess numru ta' voti ddikjaraw li r-reat "sar taht tali cirkustanzi li juru li l-pusses ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu"; u b'seba' voti favur u tnejn kontra sabuh ukoll hati bhala komplici skond it-tielet kap tal-imsemmi Att, u ghar-rigward ta' dan it-tielet kap bl-istess numru ta' voti ddikjaraw li r-reat "sar taht tali cirkustanzi li juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu";

Rat ir-risposta tal-gurati ghall-kwezit maghmul mill-Qorti, liema risposta kienet fis-sens li bil-kelma "tieghu" fl-espressjoni "ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu" ghar-rigward it-tieni u t-tielet kapi huma kienu qed jirreferu ghall-komplici (ossija ghall-istess Ali Mehemed Kreta);

Ikkunsidrat:

Illi galadarba l-gurati kienu qed isibu lil Ali Mehemed Kreta hati ta' komplicita' fir-reati ta' pussess tar-raza tal-cannabis (it-tieni kap) u ta' pussess ta' erojina (it-tielet kap), l-aggravanti li "ir-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu" propjament jirreferi ghall-awtur u mhux ghall-komplici. Peress li la l-partijiet fis-sottomissjonijiet taghhom u lanqas il-qorti fl-indirizz taghha ma irriferit lill-gurati ghar-regoli tal-komunikabilita' tac-cirkostanzi reali kif previst fl-Artikolu 45 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti hi tal-fehma li r-risposta tal-gurati ghall-kwezit imsemmi hi wahda ambigwa, u li din l-ambigwita' m'ghandhiex tippregudika lill-hati fil-ghoti tal-piena minn din il-Qorti. Ghalhekk biex zgur issir gustizzja mal-hati, din il-Qorti sejra, tinjora l-aggravanti in kwistjoni;

Tiddikjara lill-imsemmi Ali Mehemed Kreta hati ta' komplicita' fir-reat ta' biegh jew traffikar tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis bi ksur tal-ligi, u dan skond l-ewwel

kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah ukoll hati ta' komplicita' fil-pussess kontra l-ligi tar-raza mehuda mill-pjanta' cannabis, u dan skond it-tieni kap tal-Att ta' Akkuza; u tiddikjarah ukoll hati ta' komplicita' fil-pussess kontra l-ligi tal-erojina, u dan skond it-tielet kap tal-istess Att ta' Akkuza; tiddikjara li bejn ir-reati fit-tieni u fl-ewwel kap hemm in-ness tal-mezz ghall-fini fis-sens tal-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali;

Semghet lill-Avukat Dott. Joseph Brincat ghall-hati dwar il-piena; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz iz-zmien li l-hati ga ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz; innutat kwantu ghall-piena li l-Avukat Generali qed jitlob il-konfiska tal-flejjes jew propjeta' mobbli tal-hati, izda mhux tal-propjeta' immobbli tieghu;

Rat l-Artikoli 2, 8(a)(e), 9, 10(1) u 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(d) tal-Kap. 101; ir-Reguli 4(a) u 8 tar-Reguli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939); u l-Artikoli 11, 17(h), 22, 23, 42(d), 43 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Ali Mehemed Kreta ghall-piena ta' tmien (8) snin prigunerija mill-lum u multa ta' tmint elef lira (Lm8,000) (konvertibbli f'sitt xhur prigunerija ohra fil-kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli ohra tal-hati, anke jekk l-imsemmija flejjes jew propjeta' mobbli jinsabu barra minn Malta; tikkundanna fl-ahharnett lill-hati jhallas lir-Registratur is-somma ta' mitejn u sebgha w hamsin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm275.68c) spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien xaharejn mill-lum;

Tordna d-distruzzjoni, mhux aktar tard minn gimghatejn mill-lum, tad-droga kollha ezibita taht l-awtorita' taghha in konnessjoni ma' dan il-kaz; din id-distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur tal-Qorti, okkorrendo bl-ghajnuna ta' Dott. Anthony Abela Medici; ir-Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddeskrivi dettaljatament

il-process ta' distruzzjoni tad-droga, liema *proces-verbal* ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza".

Rat ir-rikors ta' appell fejn l-imsemmi Ali Mehemed Kreta talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn helsitu mill-aggravanti dedotti kontra tieghu fit-tieni u t-tielet kap, u fejn iddikjarat l-assorbiment tat-tielet fl-ewwel kap, u tirrevokaha ghall-kumplament u hekk tilliberah minn kull htija u piena, u fi kwalunkwe kaz, f'kaz ta' konferma, li timmitiga l-piena billi takkorda t-tnaqqis tal-arrest preventiv;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma bazati fuq tliet binarji, u cioe` li saret interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi, li nstab hati hazin fuq il-fatti u, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravji, li mill-piena kellu jitnaqqas il-perijodu li ghamel taht arrest preventiv. Dawn se jigu trattati fl-istess ordni li nghataw fir-rikors ta' appell.

L-ewwel aggravju jirrigwarda allegata interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi. Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant ighid testwalment:

"(a) L-esponenti jissottometti li mhix korretta l-posizzjoni legali li xi hadd jigi misjub hati tal-komplicita`, meta din ma tkunx dedotta kontra tieghu. Jekk il-fatti dedotti jkunu tal-awtur tar-reat jew tal-ko-awtur, allura ma jistax jinstab bhala komplici ghaliex il-fattispeci tal-fatt kontestat huma differenti minn dawk tal-awtur. Anke l-actus reus hu differenti. Mhux korrett dak li jinghad li l-Kodici taghna ma jimpurtahx minn zbalji fin-narrazzjoni tal-fatt, ghaliex il-fatti dedotti ta' hin, post, u cirkostanzi huma essenzjali halli l-persuna li tkun akkuzata tista' tiddefendi sewwa lilha nfisha. Il-komplicita` mhix stepney tal-att tal-akkuza, fejn jekk ma jasalx il-fatt dedott wiehed jista' jserrah rasu fuq il-komplicita` bhala alternattiva ragjonevoli. Dan l-aggravju

huwa aktar car fil-kaz in ezami, u dak li gara mal-verdett u wara l-verdett.

(b) Barra mill-Kodici Kriminali jidher li jintesa dak li tipprovdi ligi ohra Maltija. Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu dritt minimu li '(a) jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-ragunijiet ta' l-akkuza kontra tieghu' [Art 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja]. Id-dettal hu[w]a ghalhekk dritt, u ma jistax jinghad li l-komplicita` m'ghandhiex fattispecie differenti mill-awtur tad-delitt.

(c) Inoltre fid-dibattitu orali, l-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma accennat li kien hemm komplicita`. Kienet biss id-difiza li passim qalet li ma jistghux wiehed biex jehles jistrieh fuq il-komplicita`. Kienet il-Qorti li sahqet fuq il-komplicita`, u hekk hargu l-gurati, anke fejn ghamlu kontrosens.

(d) Huwa kontrosens li jinghad li jkollok komplicita` fil-pussess. Min ghandu l-pussess huwa ko-awtur, ghandu l-istess posizzjoni tal-awtur jew tal-possessur. Imma mhux komplicita`. Anzi l-komplicita` fil-pussess jista' jkun spaccatur, skond id-definizzjoni tal-ispacc jew traffikar".

L-ewwel osservazzjoni li trid taghmel din il-Qorti fir-rigward ta' dan l-ewwel aggravju hu li hija l-ligi taghna stess li tippermetti li persuna akkuzata bhala awtur ta' reat tista' tigi dikjarata hatja invece ta' komplicita` f'dak l-istess reat. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali kif allura vigenti[1] kien jitkellem car dwar dan:

**"Meta ma jigix ippruvat li l-akkuzat, jew xi wiehed mill-akkuzati, kien l-awtur jew wiehed mill-awturi tar-reat migjub fl-att ta' l-akkuza, izda jigi ippruvat li kien komplici, il-guri jista' jiddikjara l-akkuzat hati bhala komplici f'dak ir-reat"**.

[1] B'effett mill-1 ta' Mejju 2002, is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 467 inbidel sostanzjalment b'mod li jaghti aktar latitudini lill-Qorti. Ghall-finijiet ta' dan l-appell pero`, billi s-sentenza in ezami nghatat fl-1998, din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol f'din l-emenda.

Dan is-subartikolu ma jaghti lok ghal ebda ekwivocita`. Ghalhekk, ghalkemm l-akkuzat ma giex originalment akkuzat b'komplicita` fir-reati addebitati lilu fl-att ta' akkuza izda gie akkuzat bhala l-awtur taghhom, a bazi tal-ligi u anke a bazi tat-teorija ta' *related criminality* huwa legalment korrett li l-gurati jiddikjarawh hati ta' komplicita` f'dawk l-istess reati kemm-il darba hekk jirrizulta mill-provi.

U ma hemm l-ebda dubju li l-imsemmi artikolu kien a konoxxenza tad-difiza, tant hu hekk li l-abbli difensur ta' l-appellant stess waqt il-kontro-replika tieghu jaghmel referenza ghall-figura tal-komplici.

Din il-Qorti tixtieq tosserva wkoll, in kwantu jirrigwarda l-fatti kif deskritti fil-parti narrativa ta' l-att ta' l-akkuza, li l-paragrafu (c) ta' l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali jispecifika li l-att ta' l-akkuza ghandu *"ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar, flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma ta' l-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena"*.

Sakemm fatt imsemmi fl-att ta' l-akkuza ma jikkostitwix element essenzjali tar-reat addebitat lill-akkuzat, b'mod li jekk ma jigix ppruvat tali fatt l-akkuzat ma jkunx hati ta' tali reat, il-fatti nnifishom kontenuti fin-narrativa jew il-parti espozitiva ta' l-att ta' l-akkuza huma intenzjonati biss biex jispecifikaw in-natura tal-kaz tal-prosekuzzjoni, l-atti principali li minnhom l-Avukat Generali jistieden lill-gurati jikkonkludu li sehh reat u li l-akkuzat kien il-persuna li kkommettiet tali reat. B'hekk, kif jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2001** (para. D9.8 pag. 1266):

**"Particulars of offence were not like the words of a statute, such that failure of the facts proved to fall precisely within them was fatal. It seems that the test to apply in relation to incorrect particulars is whether the defence were prejudiced by the erroneous description of the offence".**

Fil-kaz in ezami ma kien hemm l-ebda *erroneous description of the offence*. Ir-reati principali huma dawk li huma. Il-prosekuzzjoni pprezentat il-fatti kollha li kellha ghad-dispozizzjoni taghha u dak li ghamlu l-gurati kien, kif kellhom dritt li jagmlu skond il-ligi, u wara li saret riferenza ghall-punt mid-difiza stess u wara li gew indirizzati fir-rigward mill-ewwel Qorti, li ghamlu l-apprezzament taghhom dwar in-natura tal-partecipazzjoni ta' l-akkuzat fir-reati lilu addebitati.

Ghalhekk in kwantu r-rikors ta' appell jista' jiftiehem, li qed iqanqal kwistjoni taht l-artikolu 6(1) tal-Kap 319, tali kwistjoni tidher li hija semplicement frivola u vessatorja.

Kwantu ghas-sottomissjoni ta' l-appellant li huwa kontrosens li jkollok komplicita` fil-pussess, din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din is-sottomissjoni u hija tal-fehma li l-komplicita` fil-pussess mhuwiex impossibbli. Jekk persuna ghandha bzonn post biex tahzen xi droga u persuna xjentement tikri jew tislef post ghal dan l-iskop, dik il-pesuna tkun ghenet jew assistiet lill-awtur tar-reat ta' pussess u ghalhekk tkun saret komplici skond il-paragrafu (d) ta' l-artikolu 42 tal-Kap 9. Issir referenza wkoll ghall-ezempju moghti mill-ewwel Qorti fl-indirizz taghha (p.33) "Naghmlu mod jiena per ezempju tajt lift lil xi hadd u naf li dak ix-xi hadd sejjer f'dak il-post ghax taht gebla ha jsib kilo eroina per ezempju ghax xi hadd hallihielu hemm hekk, jien inkun komplici fil-pussess tal-eroina".

Ghalhekk dawn l-aggravji huma michuda.

Dwar l-aggravju ta' l-appellant li nstab hati hazin fuq il-fatti, huwa jissottometti li ma kienx hemm provi bizzejjed biex jinstab hati tal-akkuza originali imma lanqas kien hemm provi tal-komplicita`. Il-komplicita` fuq kull kap titlob li jkun hemm fatti kostitutivi tal-komplicita` u jkun hemm mens rea serja u mhux qisu li l-komplicita` hija xi haga inqas. Fil-kaz in ezami, xejn ma kien iwassal li kien hemm consenus ad idem, jew partecipazzjoni xjenti fir-reat kommess minn haddiehor, dan la dwar l-ispacc u lanqas dwar il-pussess.

Kif gie ritenut kostantement minn din il-Qorti, hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl-ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet *"properly directed"*, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, **ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino** deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u **r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt** deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Issa minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Onorevoli Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi u jaraw jekk hux il-kaz li jaghtu affidament ghal verzjoni jew ghal ohra. Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-akkuzat, ossia ghac-cahdiet tieghu li kellu x'jaqsam ma' l-attivita` relatata mac-cirku tad-droga.

Huwa evidenti, per ezempju, li l-gurati taw aktar kredibilita` lil dak li xehdet Mary Scerri dwar id-diskors li ntqal mill-appellant meta ntroducielha lil Abu Baker biex jinkera l-flat taghha fi Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar, u

li sabu aktar verosimili dak li qal Sean Armeni dwar dak li ghamel l-appellant meta dahlu fl-imsemmi flat. Inoltre jidher car li nghata aktar piz lil dak li xehed l-Ispettur Neil Harrison dwar, *inter alia*, kif harab l-appellant u dwar ic-cahdiet ta' l-appellant li kien hareg mill-flat fi Triq San Luqa.

Fil-fatt, minn ezami tal-provi kollha migbura, din il-Qorti hi soddisfatta li kien hemm provi bizzejjed biex, jekk emnuti, jiggustifikaw il-konkluzjoni raggunta mill-gurati. Fi kliem iehor, il-kaz mhuwiex wiehed fejn ikun azzardat legalment, u kontra kull principju legali, li wiehed jasal ghall-konkluzjoni ta' rejita` kif stabilew il-gurati, imma huwa kaz fejn l-appellant jista' ma jitwemminx f'dak li qal.

Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Fl-ahharnett l-appellant jilmenta dwar il-piena. Ighid li ilu zmien twil arrestat minghajr liberta` provvisorja; li kien ghamel diversi talbiet bix johrog u kien proprju f'wahda minn dawn l-okkazjonijiet li hu kien inghata data meta jsir il-kaz tieghu, li l-anqas kienet immedjata. L-appellant ighid li ghadda zmien konsiderevoli u spicca biex dak iz-zmien, ghalkemm il-Qorti qalet li haditu in konsiderazzjoni, mhux se jitnaqqas mill-piena nflitta. Huwa ssottometta li l-arrest preventiv huwa mahsub mhux biss biex jassigura li l-persuna tidher ghall-atti tal-proceddiment, imma wkoll ghaliex fuq ragunijiet legali, ikun hemm bizzejjed biex jibqa' detenut in konnessjoni mar-reat minnu allegatament kommess. Li ma tnaqqasx l-arrest preventiv ifisser li hu ghamel zmien jistenna ta' xejn. Issottometta li dan hu dritt tieghu li z-zmien ta' karcerazzjoni preventiva jitnehha mis-sentenza.

Jigi mill-ewwel rilevat li skond l-artikolu 22 tal-Kodici Kriminali kif vigenti meta nghatat is-sentenza appellata[2],

**"Il-qorti, hija u tiffissa l-piena li tisthoqq, tista' tqis, fid-diskrezzjoni taghha, kull zmien li tulu l-akkuzat**

[2] Bis-sahha ta' l-Att III ta' l-2002 l-artikolu 22 inbidel sostanzjalment izda bis-sahha ta' disposizzjoni transitorja f'l-istess Att (artikolu 168) l-artikolu 22 kif vigenti meta nghatat is-sentenza appellata jibqa' applikabbli.

**kien inzamm f'kustodja, qabel ma nsab hati, minhabba r-reat jew reati li bih jew bihom huwa jkun akkuzat".**

Il-piena nflitta mill-ewwel Qorti, apparti li hi fil-parametri tal-ligi, giet imposta minnha, fid-diskrezzjoni taghha, wara li kkunsidrat dak kollu li dehrilha relevanti, u specifikatament ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz iz-zmien li l-appellant kien ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz. Barra minn hekk l-ewwel Qorti, ghar-ragunijiet spjegati minnha fis-sentenza taghha, injorat l-aggravanti li l-pussess kien f'cirkostanzi li juru li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv ta' l-awtur. Inoltre l-piena ma gietx inflitta fil-massimu taghha. F'dawn ic-cirkostanzi, u wara li din il-Qorti nnotat ukoll l-ammont u n-natura ta' droga involuta, ma tarax li huwa l-kaz li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti kif ezercitata f'dak li huwa l-quantum tal-piena.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma fl-intier is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-18 ta' Dicembru 1998 fil-konfront ta' l-appellant, b'dan li l-perijodu ta' xahrejn ghall-hlas tas-somma ta' Lm275.68 spejjez peritali jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------